KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 25

Il-ħamsa u għoxrin laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 27 ta' Mejju 2014 fis-6.12pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUŻATI** | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
6. *Aġġornament*

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 24_24/04/2014.

1.2 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 3.8 fejn saqsa jekk kinitx s-Sin. Borg li talbet li tħallas in-*notice period* jew jekk il-Kunsill iddeċieda li jħallas 'notice period'. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kienet hi li talbet li tħallas allura l-minuta kienet koretta u ma saret l-ebda korrezzjoni. *Korrezzjonijiet*

1.3 Is-Sindku propona li jiġu approvati l-minuti. Il-Kunsillier John Pillow issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-minuti 24_24/04/2014*

1.4 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni seduta numru 24 kont_ 5/05/2014.

1.5 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 8.8 dwar il-ħsara li ġiet ikkawżata lis-Sur Mamo waqt xogħlijiet li kienu qegħdin issiru mill-kuntrattur tagħna fi Triq San Karlu. Il-Kunsill kien qabel li jsir rapport (u mhux bilfors ta' espert) u l-Kunsill jiddeċiedi wara li jirċievi rapport. Il-Kunsillier P. Radmilli xtaq li jiċċara dan il-punt f'kaz li l-Kunsill jirċievi rapport ieħor. *Ħsara – Triq San Karlu*

*Il-Kunsillier D. Muscat daħal is-seduta fis-18.29*

1.6 Il-Kunsillier P. Radmilli talab korrezzjoni f'punt 8.8 li tinqara hekk 'A bazi tal-informazzjoni tar-residenti li ressaq f'rapport' u tkompli 'Il-Kunsill qabel li nagħmlu pressjoni fuq il-kuntrattur biex jikkumpensah. Kien hemm qbil dwar dan. Kien hemm qbil li f'dan il-kaz l-ammont jiġi mnaqqas mil-kont tal-kuntrattur u l-Kunsill iħallas għad-danni li jammontaw għal €290.

1.7 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 8.8 din id-darba dwar it-tibdil fl-isem ta' Pjazza Annunzjata. Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li f'seduta ta' Jannar 2014, il-Kunsill kien qabel li għandu jikkonsulta esperti qabel ma jsiru talbiet għal tibdil f'ismijiet ta' toroq. B'hekk id-deċizjoni li hemm f'din il-minuta tiġi invalida u qiegħed jitlob korrezzjoni, peress li l-Kunsill ma ikkonsultax ma esperti. *Pjazza Annunzjata*

1.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qara minuta 6.1 mis-seduta tas-27 ta' Jannar 2014 kif kienet ġiet approvata.

1.9 Is-Sindku qal li din kella tiġi diskussa f'Kumitat. Il-Kunsillier D. Muscat qal li kien semma li kellu jiltaqa mas-Sur Tony Terribile għax l-ismijiet mhumiex Slimizi u l-kumitat ippospona għal Ġunju. Is-Sindku qal li din il-minuta għada ma ġietx approvata u la tmur kontra deċizjoni li diġa ittieħdet f'Jannar 2014, il-Kunsill ma jistgħax japprova.

1.10 Il-Kunsillier P. Radmilli propona li għandu jagħti rikonoxximent lis-Surmast Ferdinando Camilleri f'forma oħra.

1.11 Il-Kunsillier D. Muscat qal li bħala kumitat ġiet diskussa pero mhix ffirmata.

*Il-Kunsilliera L. Cassar daħlet għas-seduta 18.44*

1.12 Il-Kunsillier P. Portelli qal li jekk il-Kunsill għandu jiddiskuti s-suġġett dwar l-isem m'għandux jittawal il-proċess għaliex hemm is-Socjeta tal-Każin ta' Stella Maris li se jiċċellebraw l-għeluq il-mitt sena u d-deċiżjoni tal-Kunsill trid tkun fil-ħin.

1.13 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet hux ħa nikkonċedu l-mitt sena jew nirreferu għall-esperti. Il-Kunsilliera M. Aquilina talbet li ma ssirx konkluzjoni llum. Il-Kunsilliera L. Cassar, M. Aquilina u D. Muscat qablu li waqt id-diskussjoni ikun hemm l-esperti prezenti.

*Is-Seduta ġiet sospiża fis-18.51 (minħabba li kien hemm il-pubbliku li ressqu petizzjoni dwar li m'għandux jinbidel l-isem ta' Pjazza Annunzjata)*
*Ir-residenti prezenti ipprezentaw petizzjoni b'aktar minn 700 firma (mhux kollha minn dik it-triq). Qalu li s-Sur Guido Lanfranco qabel li l-isem Pjazza Annunzjata għandu jinżamm. Intqal ukoll li peress l-ismijiet tat-toroq ta' madwar din il-Pjazza huma kolla relatati mad-Dumnikani jekk jinbidel l-isem 'Pjazza Annunzjata' is-sinifikant tagħha jiġi eliminat.*

*Is-seduta kompliet fis-18.58.*

1.14 Il-Kunsill qabel li l-minuta 8.8 (dwar Pjazza Annunzjata) għanda tiġi korretta li 'l-Kunsill għandu jara min huma l-esperti u jerġa jiftaħ d-diskussjoni.'

1.15 Il-Kunsillier P. Portelli qal li l-Kunsill irid joqgħod attent li mhux il-Kunsill jipprova jieħu deċiżjoni imbgħad jerġa lura għaliex tkun ġiet ipprezentata petizzjoni. Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li waqt id-deċiżjoni li kienet ittieħdet (li għalissa għada ma ġietx approvata) hu kien saqsa jekk ir-residenti kienux konxji tal-fatt li se jinbidel l-isem Pjazza Annunzjata u r-risposta kienet iva. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li hu ma jaqbilx li għandu jinbidel isem.

1.16 Il-Kunsilliera L. Cassar saqsiet minn fejn bdiet din id-deċiżjoni għall-bidla tal-isem. Il-Kunsillier P. Portelli qal li kien hemm talba madwar sena snin ilu.

1.17 Il-Kunsillier P. Radmilli propona li peress li Triq Annunzjata hija twila nieħdu parti minnha. Ma ttieħed l-ebda vot. Il-Kunsilliera M. Aquilina taqbel li għandu jsir tip ta' rikkonoximent.

1.18 Il-Kunsillier P. Portelli qal li jekk il-Kunsill jasal għad deċiżjoni għal bdil tal-isem Pjazza Annunzjata u se jastjeni.

1.19 Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li ga la darba l-Kunsill jaf li din il-biddla se taffettwa lir-residenti, il-Kunsill għandu jikkonsidra d-deċiżjoni magħhom.

1.20 Is-Sindku propona li l-Kunsill għandu jara l-parir tal-esperti u jizgħen ukoll l-petizzjoni u eventwalent jevalwa kull ħsieb. Il-Kunsill ikollu gwida u jżomm mad-deċiżjoni. Kien hemm qbil dwar dan.

1.21 Is-Sindku heġġeġ lill-Kunsillera kollha li jagħtu aktar support permezz tal-Kumitati tagħhom għaliex ħafna mill-laqgħat qegħdin jattendu hu u s-Segretarju Eżekuttiv u ftit mill-Kunsilliera. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa *Bdil fir-rwoli*

li kull tant zmien ikun hemm biddla fir-rwoli/responsabbilitajiet fil-Kumitati u jkun hemm evalwazzjoni kull darba li ssir biddla. Kien hemm qbil dwar dan.

1.22 Is-Sindku approva l-minuti tas-seduta 24kont_5/05/2014. Il-Kunsillier P. Radmilli ssekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tas-seduta 24kont_5/05/2014*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għas-seduta 24_24/04/2014 għal punt 2.8 dwar il-banner tal *playing fields*, u ssuġġerixxa li din tinqala u titpoġġa f'post aktar viżibbli.

2.2 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa dwar l-*isponsorship* mill-kumpanija Playmobil. Is-Segretarju qal li qatt ma kienu wieġbu lura.

2.3 Il-Kunsill saqsa dwar punt 3.5 dwar is-sejħa għat-tender għall-perit. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jħossu aktar komdu jifformola *specifications* mal-kumitat għal dan it-tip ta' tender. Il-Kunsill qabel li tenders joħorġu wara li l-Kumitat ikun qabel fuq l-*ispecifications*. *Tender tal-perit*

2.4 Il-Kunsillier P. Portelli propona li l-Kunsill għandu jiddiskuti dwar il-*Christmas Lights* biex ma nkunux tard bħas-sena li għaddiet. Is-Sindku qal li l-kontribut li l-Kunsill jagħti kull sena, f'termini finanzjarji, huwa eċċessiv. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa ma *Sliema Business Community* u nisimgħu l-idea tagħhom, fejn il-Kunsill jaqbel f'deċiżjoni u joħroġ tender fi żmien malajr. Il-Kunsillier P. Radmilli propona li qabel il-laqgħa tal-Kunsill għandu jiltaqa l-kumitat u l-SBC. *Tender – Dwal tal-Milied*

2.5 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti li x-xogħol fil-*playing field* għaddej b'rittmu tajjeb. Is-Sindku propona li l-Kunsill għandu jorganizza attivita li tinvolvi t-tfal għall-ftuħ ta' dan il-bandli lejn l-aħħar ta' Ġunju 2014. Kien hemm qbil dwar dan. Kien hemm anke xi suġġerimenti dwar l-isem għal dawn il-bandli ġdid pero għadu ma ġiex approvat. *Tas-Sliema Playing Fields*

2.6 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 8.1 dwar it-talba għal 'No Entry' fi Triq Santa Rita. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lil TM u l-Kunsill għadu ma għandux risposta.

2.7 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet dwar il-bollards fi Triq Bisazza. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn il-bollards qegħdin ikollhom ħafna ħsarat u r-responsabbilta spiċċat fuqna issa. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-ispejjes ta' ħsarat aċċidentali huma koperti bl-insurance. L-istima ta' dawn l-ispejjez tellgħet għal Ewro 3200. Il-Kunsill kellu laqgħa mal-Alberta fejn iddiskuta kif jistgħu jiġu evitati dawn il-*faults* kollha. Il-Kunsill ġie infurmat li l-bollards ta' fuq huma b' *magnetic sensor*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill irid isolvi din il-problema għaliex fault kull darba qiegħed jiswa madwar €55 u din ġieli tiġri darbtejn f'ġimgħa. Bollards –Bisazza

2.8 Il-Kunsillier J. Pillow ma jaqbilx mas-sistema tal-Alberta.

2.9 Is-Sindku issuġġerrixxa li l-Kunsill ipoġġi tabella b'avviż dwar kif jaħdmu l-bollards. Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li għandu jkun hemm *road marking*

'Please do Not Stop Here – Barriers'

2.10 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa għall-kuntratt ta' qabel u jekk hemmx garanzija. Il-Kunsillier J. Pillow jaqbel li għandu jsir *maintenance agreement* ma' ħaddieħor u mhux mal-Alberta. Il-Kunsill irid jara jekk isir hekk, il-materjal ikunx jista jiġi ordnat xorta waħda. Il-Kunsilliera L Cassar proponiet li jkun hemm sistema ta' cards li din taħdem bil-ħinijiet u din titqassam lil-ħwienet u residenti.

2.11 Il-Kunsillier J. Pillow talab għar-rapport tal-ħsara li hemm. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li hu talab għall-rapport finali izda l-Kunsill għadu ma rċeviehx mill-Alberta.

2.12 Is-Sindku jirrakomanda li ssir t-tiswija mill-Alberta bis-*safety measurments* u wara nsibu *maintenance agreement* minn ħaddieħor possibilment. Il-Kunsillier P. Radmilli propona li nzidu klawsola li jekk wara t-tiswija jerġa jkun hemm ħsara din tissewwa bla ħlas. Kien hemm qbil dwar dan.

2.13 Is-Sindku informa li se jingħata tarmac fi Triq Sant'Agatha u Madonna tas-Sacro Cuor għada. *Resurfacing*

2.14 Il-Kunsillier P. Portelli irrefera għall-punt 8.10 tas-seduta 24kont dwar tas-Sliema Arts Festival u saqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li l-flus tar-riklami li kien ġie approvat għal *Radio 101 u One Radio* jiġu eliminati u minnflok nirriklimaw fuq *Vibe FM u Bay Radio u Facebook* minħabba li dawn huma l-aktar mezzi segwiti miż-żgħażagħ. Il-Kunsill xorta ikun qiegħed izomm mal-budget. Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li hi taqbel aktar mas-*social media*. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsillier P. Portelli informa wkoll li hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellhom laqgħa mal-*Add More Colours* u tawhom programm tal-attivita. hekk kif ukoll infurmaw li l-arti se tkun l-aktar konċentrata matul il-*promenade*. *SSAF*

2.15 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-website minħabba l-fatt li mhiex tiġi aġġornata. Il-Kunsillier P. Portelli qal li hemm bzonn li jkun hemm persuna konċentrata fuq il-website għaliex tinvolvi ħafna ħin. Kien hemm qbil li din għandha tiġi kkonsidrata meta jkollna impjegat/a ġdid. *Website*

*Il-Kunsillier M. Briguglio daħal għas-seduta fit-20.16*

2.16 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsilliera għandhom jirċievu e-mail bil-kontenut ta' meta ser isiru laqgħat. jingħata terminu. u jekk il-Kunsilliera ma jirrispondux il-Kunsill għandu jmexxi.

2.17 Il-Kunsilliera ġew imfakkra biex izommu mad-deadline tal-magazine biex ikun jista joħroġ fil-ħin. *Magazine*

*Il-Kunsillier P. Portelli ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-20.25*

2.18 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-punt 8.7 dwar il-kors tal-Ingliz li se jingħata lit-tfal matul ix-xhur tas-Sajf. Il-Kunsillier M. Briguglio informa li ma kellniex *feedback* mill-għalliema li ġew mressqa mill-Kunsilliera V. Galea Pace *Kors tal-Ingliz għat-tfal*

u l-Kunsillier P. Radmilli. Il-Kunsillier M. Briguglio informa wkoll li għaldaqstant l-unika għalliema li għandna disponibbli huma zewġ għalliema mill-Iskola Primarja tal-lokal. Il-Kunsill qabel li l-kors isir min dawn l-għalliema.

*Il-Kunsillier J. Pillow ġie skuzat mis-seduta fit-20.28*

2.19 Kien hemm qbil li l-Kunsillier M. Briguglio għandu jiltaqa maz-zewġ għalliema (ta' livell ta' Primarja) biex jiġi diskuss il-programm u jaraw jekk hux *up to standard* kif ukoll li jinzamm il-budget.

*Il-Kunsillier J. Pillow irritorna lura għas-seduta fi-20.32*

2.20 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għat-tibdil tal-isem tat-Triq Salvatur għall-isem 'Julian Manduca'. Hu qal li jixtieq li jkun hemm konsultazzjoni mar-residenti qabel ma tintalab għall-bidla. *Bdil ta' isem fit-triq*

2.21 Is-Sindku spjega fuq x'kien għadu kif intqal f'din l-istess seduta dwar Pjazza Annunzjata u informa li sadanitant meta nkunu se nkellmu l-esperti l-Kunsill għandu jinkludi Triq is-Salvatur ukoll.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI U TAL-KONTIJIET

3.1 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-pagamenti pagabbli lis-Sin. L. Catania. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li dawk huma għal flights tal-artisti li ser jippartecipaw f'SSAF 2014.

3.2 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-pagamenti pagabbli lill-LK dwar bollards fi Triq Qui Si Sana. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li dan il-kont ma għandux x'jaqsam mal-bollards ta' Triq Qui Si Sana.

3.3 Ġie nnotat il-pagament lil Comtec. Il-Kunsillier P. Radmilli ġibed l-attenzjoni li dak in-nhar tal-ġbir Roanna kellha bzonn l-għajnuna u ssuġġerixxa li jkun hemm Kunsilliera li jistgħu jiġu jgħinu b'mod alternattiv.

3.4 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-pagamenti tal-ARMS dwar il-konsum ta' Triq Bisazza. Is-Segretarju wiegeb.

3.5 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti.

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa bil-proċess għal *short listing* għall-għazla tal-iskrivani. Is-Segretarju Ezekuttiv saqsa l-Kunsill kif jippreferi jekk isirx *short listing* mill-Kunsill u jiltaqa l-Bord għall-interviews biss jew l-Bord jibda mil-proċess li jara CV's waħda waħda u eventwalment jagħmlu l-interviews wara li jiġu *short listed* mill-Bord stess. *Skirvan/a għall-Kunsill*

4.2 Kien hemm qbil li l-Bord jiltaqa u jara CV's waħda waħda u jkompli bil-

proċess għall-interviews. Is-Sindku qal li importanti li min se jinvolvi ruħu għal dan il-Bord ikun dedikat u jkollu ħin neċesarju biex il-proċess ma jitwalx. Kien hemm qbil li l-Bord se jkun magħmul mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku u l-Kunsilliera M. Aquilina u M. Briguglio.

4.3 Il-Kunsill qabel ukoll li għalkemm hemm żewġ postijiet vakanti għall-iskrivana/a jistgħu jimtlew biss jekk l-*interviews* jilħqu l-livell meħtieġa.

## 5. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

5.1 Il-Kunsillier P. Radmilli informa bl-email mil-MEUSAC dwar *Town Twinning*. Propona li ninkludu *Sliema Day* biex inkunu nistgħu nieħdu fondi.

5.2 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li l-Kunsill kellu madwar għoxrin proposta biex ikunu *partners* mal-Kunsill għall-proġett. Kien hemm qbil li jmexxi flimkien mal-Kunsillier D. Muscat għall-għażla. Kien hemm qbil li jagħmlu *flyer application* jinfurma x'tinvolvi l-attivita u jiltaqgħu maż-żgħażagħ. Il-Kunsillier P. Radmilli talab li l-Kunsill joħroġ ittra uffiċjali biex meta jmorru għand iż-żgħażagħ konċernati jkunu jafu bihom.

5.3 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-proposta mill-NGO KOPIN biex nidħlu sehem fi program magħhom finanzjat mill-EU. Il-Kunsill qabel li inħalluhom jagħmlu seminar.

5.4 Il-Kunsilliera D. Muscat tkellem dwar l-attivita tal-*Breaking Limits* u qal li jixtieq li jinvolvi l-Kunsilliera u l-preżenza tagħhom tkun apprezzata. Din l-attivita se ssir fit-12 ta' Lulju 2014 bejn il-11am u s-2pm. L-għan tal-attivita hija biex il-bniedem jinvolvi ruħu u għal ftit mumenti jħoss x'tista tħoss persuna b'diżabilita meta timxi fil-lokal. Kien hemm qbil għal din l-attivita kif ukoll li l-Kunsill jħallas għat-trasport għal van għal *wheelchairs*. *Attivita – Breaking Limits*

5.5 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-attivitajiet u propona li l-Kunsill xorta għandu jżomm garanzija lil NGO's għaliex qiegħed ikun hemm storbju kif ukoll jitħalla skart wara l-attivita. Il-Kunsill qabel li jkollhom il-permess mill-*Health Department* meta l-attivita tinvolvi l-ikel. *Attivitajiet*

5.6 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-funtana tal-Pjazza St. Anna. Ġie infurmat li damu għaliex l-ħaddiema tal-MTI damu biex ikaħħlu l-kamra tal-pompi, u li issa lestew, u għandu jkolli ix-xogħol l-AFS. Dan huwa kollhu xogħol tal-MTI u l-Kunsill mhux iħallas għalih.

5.7 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar dwar l-isem li l-Kunsill għandu jagħti lil-*Playing Fields* u idealment meta jinfetaħ ikun diġa bl-isem. Il-Kunsillier D. Muscat qal li jrid ikun hemm ċans għaliex l-isem irid jidher fil-Gazzetta tal-Gvern. *Isem għall-Playing Fields*

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Is-Seduta spiċċat fid-9.39pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 11 ta' Ġunju 2014 fis-6pm.

Minuti approvati llum 11/06/2014

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**